# Il-Ħuttafa

numru 122

Mejju - Ġunju 2014



Kristallina

€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf




Is-Sagħtar jagħmel fjuri bil-gzuz, għalhekk iħobbuh l-insetti, bħal dal-**Farfett tal-Anġlu**.

# Ħbieb Ħuttaf...

## editorjal

Wara ftit ġimgħat friski f'Mejju minħabba r-riħ li kellna, issa Ġunju donnu jrid ipatti għax it-temperatura tielgħa sew u x-xtut ġmielhom jimtlew bin-nies biex jiffriskaw fil-baħar.

In-natura wkoll tħossha s-sħana, imma ma tistax tagħmel bħalna u tixgħel l-erkondixiner jew tmur tgħum. Il-pjanti u l-annimali jridu jsibu soluzzjonijiet oħrajn. U tibżgħux, għandhom triks kemm trid. Wara kollox, dawn il-ħlejjaq ilhom jiffaċċjaw is-sajf għal ħafna miljuni ta' snin, ħafna qabel ma tfaċċa l-bniedem fid-dinja.

Xi pjanti, per eżempju n-**Narċis** u l-**Berwieq**, inixxfu l-weraq u z-zkuk, u jgħaddu s-sajf reqdin fil-ħamrija forma ta' basla, sa ma terġa' tasal ix-xita.

Ħafna oħrajn, bħall-**Peprin** u l-**Lellux**, jgħixu ħajjithom kollha fi staġun wieħed u sa ma jasal is-sajf ikunu kibru, tellgħu l-weraq, fetħu l-fjuri u għamlu ż-żerriegħa. Imbagħad imutu kuntenti li ħallew warajhom eluf jekk mhux miljuni ta' żerriegħa biex jinbtu fil-ħarifa.

Kif nitgħallmu fil-lezzjonijiet tax-Xjenza, il-pjanti jitilfu ħafna ilma mill-weraq. Għalhekk xi pjanti jkabbru l-weraq fix-xitwa u r-rebbiegħa, u għas-sajf inixxfuhom għal kollox u jikkonċentraw biex ikabbru l-fjuri. Hekk jagħmlu l-**Pankrazju** u l-**Għansar**.

Pjanti oħrajn, bħax-**Xorbett** u s-**Sedum**, jaħżnu l-ilma fil-weraq ħalli fis-sajf ikollhom x'jixorbu.

Ħafna pjanti tal-Mediterran, fosthom iż-**Żebbuġ** u l-**Ballut**, jagħmlu weraq żgħir u bellusi minn taħt. Dak il-bellus huwa saff folt ta' pil ħalli l-ilma li jkun ħa joħroġ mill-weraq jinqabad fih u ma jintilifx.




***Umbrellium fanniflorum***

Victor Falzon

Nista' nibqa' sejjer, u għadni lanqas bdejt fuq l-annimali, li wkoll għandhom it-triks tagħhom. Imma ma baqagħlix fejn nikteb!

Ċaw ħbieb, gawdu l-vaganzi u toqogħdux ħafna fix-xemx.




*Victor*

**Victor Falzon**
l-Editur

## Mal-faċċata



Il-**kristallina** (crystal plant) hija pjanta rari ħafna f'Malta. Hija rari għax tikber fl-għaram tar-ramel (*sand dunes*) jew f'ħamrija ramlija max-xtut. Dawn l-ambjenti ftit għandna minnhom f'pajjiżna, u għalhekk il-Kristallina ma tantx għandha fejn tikber.

Ritratt ta' Victor Falzon

## il-Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Il-Gawwija Prima | 3 |
| Ambjenti u Residenti | 4-5 |
| Attività | 6 |
| Intervista max-Xewk Isfar | 6 |
| Niltaqgħu ma' 5 Rettili | 7 |
| Arti u Ittri | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Xlendi u Wied il-Kantra | 10-11 |


## il-Kumitati


### Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Ray Bonnici • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon • Michael Grima

### Falko

Martin Austad (kap) • Anne Marie Austad • Nicholas Galea • Timothy Micallef


## il-Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa, u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru u s-sħubija hija €7 fis-sena.

BirdLife MALTA

## il-Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

Reg.Vol.Org. VO/0052


©BirdLife Malta, Ġunju 2014

Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Il-ħabs ħa jerġa' jiftaħ!



Sponsun

Aron Tanti

Ħames snin ilu (2009) l-insib tal-għasafar tal-għana twaqqaf. Imma issa mid-dehra ħa jerġa' jibda!

Hekk hu, mill-ħarifa li ġejja eluf ta' nassaba ħa jerġgħu jitħallew jifirxu eluf ta' xbiek biex jaqbdu eluf ta' **vrieden** (greenfinch), **sponsuni** (chaffinch), **ġojjini** (linnet), **apparelli** (serin), **ekri** (siskin), **griedel** (goldfinch) u **taż-żebbuġ** (hawfinch).

Dan kien pass ta' ġgant lura fil-ħarsien tan-natura. Imissna nistħu.




Aron Tanti

# Pjanta ġdida



Stephen Mifsud



L-ispori jkunu miġburin f'għenieqed żgħar ma' taħt tal-weraq.

Stephen Mifsud

Ftit ilu l-ħabib tagħna u [1]botaniku Stephen Mifsud sab felċi jikber f'xaqq fl-irdum ta' Għawdex. Meta qabbilha ma' speċi tal-istess razza sab li l-pjanta kienet ftit differenti minnhom. Jidher għalhekk li l-forma li tikber f'Malta hija razza (forsi wkoll speċi) ġdida u probabbli [2]endemika għall-Gżejjer Maltin. Għalhekk dan il-felċi nistgħu nsejħulu **Felċi ta' Malta** (Maltese Rockcap Fern, *Polypodium vulgare melitense*). Jekk b'iktar studju jsibu li huwa differenti biżżejjed, jista' jiġi speċi għal kollox ġdida għax-xjenza! U għal kollox Malti! Prosit Stephen.




F'Malta l-felċi (*ferns*) huma rari, għandna biss xi 10 speċi. Il-felċi jħobbu l-umdu, postijiet bħal foresti dellin u niedja, kaskati, xita spissa, eċċ. Pajjiżna għandu klima niexfa u ftit fih ambjent tajjeb għall-felċi. Il-felċi ma jagħmlux fjuri u flok żerriegħa jagħmlu spori (*spores*).

# X'nista' nara tgħid?

Jason Aloisio

## Gawwija Prima — Yellow-legged Gull — *Larus michahellis*



Victor Falzon

Il-Gawwija Prima hija l-akbar għasfur li jbejjet regolari f'Malta. Tbejjet l-aktar fuq Filfla fejn hemm mal-mitejn par, u kolonji żgħar oħra fl-irdumijiet. Meta l-frieħ itajru jkunu kannella, sakemm sa tliet snin wara jkunu saru bħall-adulti. Fix-xitwa għadd kbir ta' Gawwi Prim jinżel mill-Ewropa biex iqatta' x-xitwa madwar il-Gżejjer Maltin.

Minn xi snin 'l hawn ħafna gawwi beda jżur il-*landfill* tal-Magħtab biex ilaqqat fdalijiet ta' ikel mormi mal-iskart. Filgħaxija mbagħad, spiss jidher jaqsam l-art f'waħdiet jew qtajjiet żgħar għan-naħa l-oħra ta' Malta.




It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.

[1]**botaniku** = xi ħadd li jistudja l-pjanti
[2]**endemiku** = annimal jew pjanta li jgħixu biss f'pajjiż jew reġjun wieħed, per eżempju l-Kiwi huwa endemiku għal New Zealand!

Victor Falzon

SIES

RDUM


Aron Tanti

Spiss tara l-**gawwija prima** għaddejja bil-lajma minn fuq il-baħar. Fis-sajf tbejjet ma' xi sisien u fuq Filfla, u fix-xitwa ġieli tidher f'qatgħat kbar.


Joe Sultana

Din ukoll endemika, tafux.

Il-**widnet il-baħar** għandha weraq imlaħħam biex jaħżen l-ilma għax fil-blat ftit jew xejn hemm ħamrija. Fis-sajf bikri tiftaħ fjuri roża.


Desirée Falzon

Is-sisien ikun fihom xquq u għerien, li bi nhar jistkennu fihom diversi friefet il-lejl, fosthom in-**nagħli**. Mal-għabex dawn joħorġu jaqbdu l-insetti.


Aron Tanti

Arbuxell endemiku li jikber mal-irdum huwa x-**xebb**. Dan jingħaraf mill-weraq folt qisu ħafna swaba' żgħar imlaħħmin.


Aron Tanti

Mur passiġġata sal-irdum u forsi tisma' l-għanja tal-**merill** tidwi mal-blat. Segwi l-għanja u forsi tara lir-raġel jitperreċ f'xifer xi blata.

Ambjenti u Residenti

# L-Irdum

Desirée Falzon



Christopher Cachia Zammit

F'Malta ċ-**ċief** ibejjet fi xquq fis-sisien u fihom ibid bajda waħda. Bil-lejl f'Lulju tista' tisma' l-għajat ta' eluf ta' ċief dieħel minn fuq il-baħar lejn il-bejta.



Attent għal xi passa ta' insetti deħlin minn fuq il-baħar. Fost dawn hemm mazzarelli u friefet bħal dal-**farfett tax-xewk**.

Aron Tanti

Dal ħabitat maqsum fi tnejn. Fil-parti ta' fuq tar-ritratt (xellug) hemm is-sies, li jkollu faċċata ta' blat wieqaf bi xquq u anke għerien. Meta jinqasam is-sies jaqa' ġebel kbir li ftit ftit jifforma gorboġ blat taħt is-sies. Dan ngħidulu rdum. F'ħafna sisien u rdumijiet jgħixu diversi pjanti, fosthom uħud endemiċi. Dawn baqgħu jeżistu hemm għax ma ntleħqux mill-bniedem jew minn annimali bħal mogħoż. Ir-ritratt juri l-inħawi ta' Daħlet Qorrot, bajja ħelwa fil-grigal ta' Għawdex.



Fir-rebbiegħa fuq xi rdum mal-baħar jiftħu twapet ta' fjuri tal-**bebuna tal-baħar**, tip ta' kamumilla endemika.

Victor Falzon



Il-**qattus** serp skars li jħobb postijiet bil-blat fejn jistkenn matul il-jum. Fl-għabex u anke bil-lejl joħroġ iħuf għall-ġrieden.

Victor Falzon



Joe Sultana

# Sejrin għaċ-Ċief

**Kif nagħmlu kull sajf, se mmorru dawra bil-lanċa ħalli niltaqgħu ma' koċċ Ċief hekk kif dawn jibdew deħlin lura lejn il-bejtiet tagħhom fis-sisien.**

**Jekk inkunu b'xortina għandna naraw koċċ mijiet, u jekk inkunu b'xortina ħafna forsi naqbżu 1000. Imma naraw koċċ żgur.**

**Basta tiġu!**

Data
**Il-Ġimgħa 4 Lulju 2014**
Prezz
**€6** (kbar u żgħar)
Tibagħtux flus bil-posta – ħlas isir fil-post.
Merħba
**membri 5yrs+ u familji**
Iktar dettalji
**meta tibbukkjaw**

Tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir (18+)

Biex tibbukkjaw ċemplu lill-BirdLife fuq **21347644/5/6** (ħinijiet tax-xogħol). Ċans tibbukkjaw għandkom sa **2 Lulju 2014** imma aħsbulu għax il-postijiet jinħatfu.

Dakinhar inqassmu l-istiker Numru 1.

Iċ-ċiefa hija tajra kbira qisha gawwija. Tgħix ħajjitha kważi kollha fuq il-baħar, bogħod mill-art. Imma biex tbejjet tfittex xquq u ħofor fis-sisien u l-irdumijiet. Eluf ta' ċief ibejtu max-xtut għoljin ta' pajjiżna, f'postijiet fejn b'xorti tajba ma jilħaqhom ħadd. Matul il-jum iċ-ċief joħroġ jistad, u filgħaxija, ma' nżul ix-xemx, jidħol lura lejn il-bejta biex jibdel mas-sieħeb jew sieħba li jkunu ilhom ġurnata jew iktar weħidhom fuq il-bajda fil-bejta.

Jekk il-baħar idardarkom tieklu xejn sa 3 sigħat qabel il-ħarġa.

Għal raġunijiet ta' sigurtà tfal taħt il-5 snin ma nistgħux naċċettawhom fuq il-lanċa. Grazzi tal-koperazzjoni.

# Intervista ma' Fjura




Alex Casha

Bonġu, xi ġmiel ta' fjuri għandek!
Grazzi ħi, għax qed tiskanta? Hawn ħafna pjanti bi fjuri sbieħ.

Għax ħafna nies meta jaraw ix-xewk ma jindunawx kemm jaf ikollu fjuri sbieħ.
Veru, jaħsbu li aħna tajbin biss biex inniggżu.

Ma tantx nara xewk bħalek. Jaqaw inti speċi rari?
Iva, ma tantx jiena komuni.

Għaliex m'intix komuni?
Għax l-ambjent li nħobb ma tantx hawn minnu f'Malta

X'ambjent tħobb? Ramel jaqaw?
Hekk hu, jien nikber l-iktar fl-għaram tar-ramel.

Dawk li bl-Ingliż jgħidulhom *sand dunes* hux hekk?
Preċiż, u f'Malta l-għaram tar-ramel huma rari.

Aqtagħli l-kurżità, intom għaliex tkabbru x-xewk?
Ovvja! Biex il-mogħoż u annimali oħra ma jiklulniex il-weraq. Ix-xewk huwa l-arma tagħna.

Bis-sens. U l-fjuri jfuħu?
Xejn speċjali, jien l-insetti bil-kuluri l-iktar li niġbidhom.

Ħa jkolli nħallik. Ċaw.
Saħħa, u ara tniggeż.




Aron Tanti

Dan ferħ ta' Gallozz Iswed. Saqajh għall-ewwel ikunu sproporzjonati.

# Niltaqgħu ma' ħames Rettili Maltin



Victor Falzon

Wiżgħa tal-Kampanja *Moorish Gecko* *Tarentola mauritanica*

Kif jixħed isimha, il-**Wiżgħa tal-Kampanja** narawha l-iktar fil-kampanja, speċjalment fejn hemm ħaġar kbir, jew bini żgħir fil-kampanja. Din toħroġ filgħaxija tħuf għal baħrijiet u insetti oħrajn, u matul il-jum torqod f'xi rokna mudlama u kennija.



Matthew Borg Cardona

Gremxula *Maltese Wall Lizard* *Podarcis filfolensis*

Il-**Gremxula** hija komuni u ssibha tista' tgħid fil-ġonna ta' kulħadd, tixxemmex fuq xi ġebla. Ir-raġel ikun ikbar mill-mara u jkun aħdar b'disinn iswed; il-mara tkun kannella. Il-Gremxula hija endemika għall-Gżejjer Maltin (u xi gżejjer żgħar Taljani viċin tagħna).



Guido Bonett

Wiżgħa tad-Djar *Turkish Gecko* *Hemidactylus turcicus*

Ħafna familji Maltin għandhom xi **Wiżgħa tad-Djar** tgħix f'xi rokna tad-dar tagħhom. Hemm min iddejqu għax jemmen ħafna ħmerijiet fuq il-wiża', u hemm min jieħu pjaċir biha għax teħilsu mill-kamla, kokroċ u baħrijiet tal-ħwejjeġ. Bla ħlas u bla pestiċidi!



Victor Falzon

Kamaleonti *Mediterranean Chameleon* *Chamaeleo chamaeleon*

Il-**Kamaleonti** għandu dehra ta' dinożawru, u jaf ibiddel il-kulur skont l-ambjent ta' madwaru, il-burdata u t-temperatura. Il-Kamaleonti mhux proprju Malti, għax żmien ilu kienu daħħluh mill-Afrika ta' Fuq. Imma llum meqjus parti mill-fawna Maltija.



Aron Tanti

Xaħmet l-Art *Ocellated Skink* *Chalcides ocellatus*

Ix-**Xaħmet l-Art** huwa tip ta' gremxula smina b'saqajn żgħar. Meta ma jkunx qed ifittex nemel u insetti oħra x'jiekol, spiss jixxemmex fuq xi ċint. Hawn min jitqażżu, forsi għax jarawh ileqq. Imma x-xaħmet l-art ileqq għax nadif, mhux għax midluk bix-xaħam kif jaħsbu xi nies.



arti

# Agħtih kulur



## Mazzarell Sultan
Blue Emperor

Victor Falzon








Ibagħtulna tpinġijiet u ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew pjanti kkultivati) ħa ngħibuhom f'dil-paġna. Basta jkunu veru tagħkom. Ibagħtuhom imejl jew bil-posta*.

**imejl** il-huttafa@birdlifemalta.org
**indirizz** BirdLife Malta
57/28 Triq Abate Rigord
Ta' Xbiex XBX 1120

*Materjal li tibagħtu bil-posta ma nkunux nistgħu nibagħtuh lura.

## Ma beżax!


André Deguara

Sur Editur,

F'April li għadda morna ġurnata Għawdex. Fost ħxejjex u annimali li rajna f'wieħed mill-widien kien hemm Bies li kien jidher għadu ferħ għax ma kienx jaf itir. Konna viċin tiegħu xi metru u nofs iżda ma tgerrixx. Biex inkunu ċerti li ma kienx milqut ersaqt aktar ħalli nosservah aħjar. Ma kienx jidher ferut. Wara ftit gera taħt xi weraq u zkuk u beda jgħajjat bħalllikieku qed isejjaħ lil xi bies ieħor.

Rajna wkoll annimali oħra, fosthom ħuttaf, buful, xaħmet l-art, gremxul, friefet tax-xewk u oħrajn, mazzarelli u varjetà kbira ta' pjanti u insetti. Il-wied kien nadif, milli jidher il-bniedem ftit jersaq! Grazzi u nixtieq li ġġibli xi ritratt fil-magażin.

**André Deguara**

*Għażiż André,*

*Grazzi tar-rakkont u tar-ritratti, u prosit! Dak l-għasfur huwa Spanjulett (Common Kestrel), seqer żgħir kuġin tal-Bies. L-imġiba li ddeskrivejt veru qisha ta' ferħ imma staqsejna espert u qalilna li l-għasfur tar-ritratt huwa mara adulta. Kif ma taritx malli ratkom huwa misteru imma probabbli kellha xi frieħ fil-qrib u ma riditx titlaqhom weħidhom.*

*L-Editur*

Grazzi lill-ħabib tagħna Edward Bonavia għall-kelma tal-espert.

Fras-servjent
Matthew Attard (5)






Aron Tanti






**Ftakar! Jekk *iġġedded is-sħubija tiegħek fi Klabb Ħuttaf (jew tidħol membru jekk għadek m'intix), nibagħtulek dan il-ktieb. 40 paġna kollha stampi ta' pjanti u annimali Maltin lesti biex tagħtihom il-kulur.**

*Din l-offerta tgħodd darba.

Żgħażagħ Klabb Ħuttaf 13+ • Żgħażagħ Klabb Ħuttaf 13+ • Żgħażagħ Klabb Ħuttaf 13+

FALKO



# Ħbieb Falkuni

Il-European Day of Parks jiġi kull 24 ta' Mejju. L-iskop ta' dan il-Jum hu biex isaħħaħ ir-rabta bejn bniedem u natura.

Postijiet protetti għan-natura huma ferm importanti għax ħafna drabi jinkludu annimali u pjanti rari jew vulnerabbli. F'dawn il-postijiet aħna nistgħu nitgħallmu dwar in-natura jew anke sempliċiment ingawdu s-sbuħija tagħha.

Kif tafu mill-aħħar magażin, f'dak l-istess tmiem il-ġimgħa tal-European Day of Parks aħna tal-Falko wkoll kellna attività fil-park tal-Majjistral fejn għamilna night hike u tgħallimna fuq l-Garnija, tajra tal-baħar li tbejjet fl-irdumijiet tal-park. Il-Majjistral jipprovdi ambjent tajjeb għall-Garni u għal ħafna ħlejjaq oħrajn, fosthom għasafar, insetti u pjanti. Mhux għalxejn huwa sit Natura 2000.

Bħal ħafna siti Natura 2000 oħrajn, il-Majjistral ma jeskludix attività tal-bniedem bħal biedja, berdwoċing u passiġġati. Anke kaċċa u nsib isiru f'ċerti nħawi, basta jsiru b'mod sostenibbli. Imma sfortunatament dan spiss mhux il-każ f'Malta. Per eżempju minħabba l-kaċċa fir-rebbiegħa għasafar bħall-Gamiema ma jistgħux ibejtu f'pajjiżna. Issa kellna l-aħbar kerha li l-insib tal-għasafar tal-għana ħa jerġa' jsir legali. Kieku f'Malta jispiċċa l-insib, speċi bħall-Ġojjin u l-Apparell żgur ibejtu u l-lista qasira ta' għasafar li jbejtu f'Malta titwal xi ftit.



L-ambjent tal-Majjistral u ta' siti protetti oħrajn huwa fraġli. Għalhekk importanti li nkunu responsabbli biex il-ftit postijiet li fadlilna b'bijodiversità għolja ma nitilfuhomx. Il-BirdLife tagħmel diversi proġetti biex inħarsu l-għasafar li jbejtu f'pajjiżna. Per eżempju hemm il-Life+ Malta Seabird Project li jiffoka fuq tajr tal-baħar, fosthom l-Kanġu ta' Filfla u l-Garnija. Hemm ukoll il-proġett APUS – li qed immexxuh aħna stess tal-Falko – dwar ir-Rundun.

Bl-attivitajiet li nagħmlu, aħna nixtiequ ninvolvu lilkom il-membri u lil sħabkom kemm jista' jkun. Titilfux dan iċ-ċans tal-ġenn biex tgawdu u tgħinu l-għasafar Maltin. Narawkom!




*Francesca*

**Francesca Bajada**
Leader Falko

## Bil-lanċa għaċ-Ċief Il-Ġimgħa 4 Lulju 2014



Għandna ħarġa bil-lanċa biex immorru ngawdu ċ-Ċief. Aħna l-leaders tal-Falko ħa nkunu hemm ukoll. Titilfuhiex għax esperjenza li tibqgħu tiftakruha. Dettalji paġna 6. **Biex tibbukkjaw għal din ċemplu l-uffiċċju tal-BirdLife**

## Id-Dwejra għar-Rundun il-Ħadd 13 Lulju 2014 ??



Ħa mmorru sad-Dwejra (Għawdex) u naqbdu dgħajsa biex inżuru kolonja tar-Rundun Kannelli (Pallid Swift) li jbejjet fl-għerien mal-baħar. Imbagħad insibu x'imkien fejn ngħumu għawma wkoll. Peress li kollox jiddependi minn kemm jiġu membri, għadna ma kkonfermajniex id-dettalji. Jekk interessati, ikkuntattjawna.



## Berdwoċing u BBQ il-Ħamis 21 Awwissu 2014

Ta' San Martin
Common Kingfiser

Aron Tanti

Is-sena l-oħra waħda mill-iktar attivitajiet li ntgħoġbot kienet meta ltqajna r-riserva tal-Għadira u wara għamilna barbikju fejn il-bajja. Għalhekk das-sajf ħa nerġgħu nagħmluha. Mhux mixi u maratoni biss, ħaqqna ftit rilassar ukoll! U peress li fis-sajf tkun ħafna sħana l-postijiet fejn forsi jkun hemm ftit għasafar huma dawk bl-ilma, bħar-riserva. Għalhekk qabel il-barbikju nagħmlu ftit berdwoċing hemm. Jekk ikun hemm bżonn norganizzaw vann għat-transport lura, għalhekk dejjem ikuntattjawna jekk tkunu ġejjin.

**niltaqgħu** quddiem ir-riserva tal-Għadira. **ħin** 4.30pm. **ġibu** tromba, malja jekk ħa tgħumu, ikel u xorb (mhux alkoħol) għalikom (bbq u faħam f'idejna) **nispiċċaw** xi 10pm. **età** Falko 13+



**23 Mejju 2014.** Paulo Barreiro, li jaħdem fuq il-Malta Seabird Project, jispjega lil membri tal-Falko fiċ-ċentru tal-Majjistral dwar l-Garnija u x-xogħol importanti li qed isir biex nipproteġuha aħjar.

Sibna fuq **Facebook** (fittex **Falko BirdLife Malta**)
Ittawlilha spiss għal iżjed tagħrif fuq l-attivitajiet.

**Dejjem** infurmana jekk tkun ġej ħarġa tal-Falko. Ċempel **99214143 / 99809190** **jew** ibgħat imejl lil **falkoblm@gmail.com** **jew** ħallilna messaġġ fuq **Facebook**.




# Ix-Xlendi u l-Wied tal-Kantra

Elisabeth Conrad



F'dil-ħarga jmiss li nżuru Sit Natura 2000 f'Għawdex. Din hija l-bajja popolari tax-Xlendi u l-inħawi tal-madwar, sit li diġà bdew iżuruh ħafna nies għall-għawm u d-divertiment tas-sajf. Għalkemm ħafna minna forsi nafu bil-bajja tax-Xlendi, ftit nindunaw li dil-bajja hija l-bokka ta' wied estensiv, magħruf bħala l-Wied tax-Xlendi, li jifrex fuq medda sabiħa.




## Medda kbira

Meta nqisu l-ambjent naturali, importanti li ma nħarsux biss lejn sit waħdu, imma lejn is-sistema kollha li ssostni n-natura f'dak is-sit. Fil-fatt dan is-Sit Natura 2000 jinkludi mhux biss il-bajja imma wkoll il-Wied tax-Xlendi u anke l-Wied tal-Kantra u widien oħrajn. Il-Wied tal-Kantra qiegħed viċin ix-Xlendi u kif taraw mir-ritratt u mill-mappa jiżbokka fl-istess bajja. Das-sit huwa fost l-ikbar meded protetti fil-Gżejjer Maltin.

**Fejn qiegħed?**

Ix-Xlendi u l-Wied tal-Kantra qegħdin max-xatt fil-Lbiċ ta' Għawdex

Min qatt żar il-Wied tax-Xlendi jaf kemm hu wied spettakolari. Maqtugħ fil-blat tal-Qawwi ta' Taħt, dan huwa wied pjuttost fond f'ħafna partijiet, wied li bl-Ingliż insejħulu *gorge type*. Il-parti ta' fuq tal-wied tinkludi l-Wied tal-Lunzjata (fl-inħawi ta' Kerċem). Dan wieħed mill-ftit widien fil-Gżejjer Maltin li minnu jgħaddi l-ilma ħelu s-sena kollha, u li għalhekk għandu ekoloġija speċjali. Fil-wied insibu wkoll ħafna għelieqi żgħar imma produttivi immens.

Victor Falzon










## Fawna rari

F'din is-sistema ta' widien insibu diversi pjanti u annimali interessanti. F'qiegħ il-wied fejn jgħaddi l-ilma u jikber ħafna **Qasab** jgħix il-**Qabru**, il-granċ rari tal-ilma ħelu. Hawnhekk jgħix ukoll is-**Sangisug Iswed**, li fil-Gżejjer Maltin jinsab biss f'das-sit. Fl-irdum u s-sisien ta' dawn l-inħawi nsibu kolonji ta' għasafar tal-baħar bħaċ-**Ċiefa** u l-**Garnija**, u popolazzjoni tal-**Merill**, l-għasfur nazzjonali. Kultant jidhru wkoll xi **Bies** jew **Bies tar-Reġina**, illi kieku jitħallew jafu jbejtu ma' dawn l-irdumijiet. Xi partijiet tal-wied huma wkoll importanti għall-għasafar tal-passa, fosthom **agretti** u **rsieset**, **ħuttaf** u **sofor**. Kif tafu, Malta nieqsa xi ftit minn ambjenti komdi



**Sangisug Iswed**
*Haemopis sanguisuga*




Joe Sultana

għall-għasafar, u għalhekk widien bħal dawn huma tant importanti. Fil-fatt il-Wied tax-Xlendi u l-inħawi madwaru huma mhux biss Sit Natura 2000, imma wkoll Sit ta' Importanza Ekoloġika, Sit ta' Importanza Xjentifika, u post b'valur għoli ta' pajsaġġ. Fi kliem ieħor, li kellna nagħmlu lista tal-iktar postijiet importanti għan-natura f'Malta, dawn l-inħawi żgur ikunu fin-naħa ta' fuq tal-lista.

## Flora unika

Dan is-sit Natura 2000 huwa wkoll importanti għall-flora, b'varjetà ta' ambjenti naturali, fosthom ambjenti influwenzati mill-baħar, sisien u rdum, art agrikola u meded ta' makkja. Fost speċi endemiċi nsibu x-**Xebb**, il-**Limonju ta' Malta**, is-**Silla Selvaġġa**, **Widnet il-Baħar** u **ż-Żigland ta' Għawdex**. Dan tal-aħħar huwa ħafna aktar komuni f'Għawdex milli f'Malta, minkejja li bl-Ingliż jismu Maltese Hyoseris. Interessanti li dil-pjanta tista' tittiekel, imma jekk issibuha ara ma taqtgħux minnha, għax mid-dinja kollha iż-Żigland t'Għawdex jinsab biss f'Għawdex u f'xi meded żgħar f'Malta u għalhekk huwa strettament protett.

It-**Torri tax-Xlendi** nbena fl-1650, fi żmien il-Gran Mastru Lascaris. Inbena fid-daħla tal-bajja tax-Xlendi ħalli ebda xini furban ma jazzarda jidħol jistaħba, jistkenn jew iniżżel l-art xi marmalja pirati!





Alex Casha

**Żigland t'Għawdex** Maltese Hyoseris
*Hyoseris frutescens*



Ray Galea

**Garnija** Yelkouan Shearwater
*Puffinus yelkouan*



Alex Casha

**Bjanka tal-Irdum** Maltese Cliff-orache
*Cremnophyton lanfrancoi*




# aħna ngħinuk tfaddal

Faddal permezz tal-BOV Young Savers Account u gawdi minn rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'. Tingħata karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont tiegħek. Ġenituri, nanniet, tuturi jew rappreżentanti legali jistgħu jifthu dan il-kont biex iġemmgħu għal tfal żgħar.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT**

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta